**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l- 10 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 82/2020 JPG**
**Kawza Numru : 16**

**ST**
***vs***
**NT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ST datat 9 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-31 t'Awwissu, 1996, skond kif jirrizulta mill-estratt ta' l-Att taz-Zwieg hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;*

2. *Illi mill-imsemmi zwieg twieldu erbat itfal, cioe', AT, mwielda nhar W, illum maggorenni, JT, mwielda nhar X, illum maggorenni filwaqt li HT, li twieldet Y u KT li twieled f' Z ghadhom minorenni (ara certifikati tat-twelied tal-ulied annessi u mmarkati bhala Dok B,C,D, U E rispettivament);*
3. *Illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ma ghadhiex iktar possibli u dan stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba tort imputabbli unikament lill-intimat, konsistenti f'eccessi, sevizzi, ingurji gravi, vjolenza morali fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru;*

4. *Illi l-partijiet illum huma separati de facto u sforz il-bizgha u t-theddid kontinwu li kienet qed taffacja r-rikorrenti waqt iz-zminijiet li baqghet tirrisjedi fir-residenza matrimonjali taghha, kienet kostretta li tiehu decizjoni difficli u titlaq mir-residenza matrimonjali taghha u tibda' tirrisjedi ghal rasha, l-boghod minn uliedha.*

5. *Illi matul dan il-perjodu li l-partijiet bdew jirrisjedu ghal rashom, l-intimat missier baqa' jaghmel hiltu kollha biex l-ulied jiddistakkaw l-boghod minn ommhom ir-rikorrenti, fejn sahansitra anke rawwem certu bizgha fl-ulied tal-partijiet meta jigu biex sempliciment jikkomunikaw m'ommhom ir-rikorrenti ghaliex jafu li ser ibghatu l-konsegwenti tal-intimat missier u per konsegwenza, dan l-agir lill-ulied tal-partijiet ikkagunalhom u ghadu qed jikkaguna hsarat u wegghat kbar fit-trobbija taghhom.*

***<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>***

6. *Illi minkejja t-tentattivi li saru sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehiem bonarju dwar is-separazzjoni personali taghhom, dan ma sehhx, u ghalhekk ir-rikorrenti kienet kostretta illi tfittex ir-rimedju gudizzjarju;*

7. *Illi jinghad ukoll illi s-sitwazzjoni partikolari fejn l-intimat qed jirrezisti li l-attrici jkollha access xieraq ghall-uliedha ghamlitha impossibli illi l-partijiet jaslu fi ftehiem bonarju;*

8. *Illi permezz ta' Digriet datat is-27 ta' Jannar 2020 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. F, moghti wara li nghalqu l-proceduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, ir-rikorrenti giet debitament awtorizzata illi tipprocedi bl-istanti, u ghalhekk, fin-nuqqas ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, qieghda ssir din il-kawza;*

9. *Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, sabiex il-kura u kustodja tal-minuri HT u KT tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, stante li l-intimat mhuwiex persuna idoneja sabiex ikun fdat bil-kura u kustodja tal-istess minuri u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt is-smiegh ta' dina l-kawza u kif ukoll sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-didspozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 et seq u l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili;*

10. *Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta tar-rikorrenti.*

***It-Talbiet***

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputtabbli lill-intimat kif fuq premess, u tawtorizza lir-rikorrenti tghidx fl-istess fond matrimonjali separament minn ma' l-intimat u dana sabiex nissalvagwardjaw l-aqwa interessi tal-minuri;*

2. *Tafda l-kura u kustodja ta' HT u KT , l-ulied minorenni tal-partijiet f'dawn il-proceduri esklussivament mar-rikorrenti;*

3. *Tordna li l-minuri HT u KT jirrisjedu esklussivament mar-rikorrenti;*

4. *Tillikwida u tiffissa retta alimentari xierqa pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghall-imsemmija minuri HT u KT oltre' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;*

5. *Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet, okkorredo bl-opera ta' periti nominandi;*

6. *Tapplika l-effetti ta' l-Artiikolu 48 et seq. Tal-Kodici Civili kontra l-intimat, u favur l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll, dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minghand ir-rikorrenti, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru wara data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-intimat irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghar-rikorrenti;*

7. *Tenut kont ghar-raba' u l-hames talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, f'isimha illi mhux necessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet;*

8. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' NT datata 7 ta' Lulju 2020, a fol 16, li taqra hekk:

1. *L-esponenti jikkonferma li l-partijiet iżżewġu nhar il-31 ta' Awwissu, 1996 u minn dan iż-żwieġ kellhom 4 erba' t'itfal, AT u JT ilkoll maġġorenni filwaqt li HT u KT għadhom minuri.*

2. *Fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel illi għandha tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti iżda dan mhux għal raġunijiet imputabbli unikament lill-attrici u dan kif ser jigi spjegat fit-termini tat-talbiet rikonvenzjonali appoziti, madanakollu huwa joggezzjoni bil qawwa kollha li l-attrici tghix fl-istess fond matrimonjali ad eskluzjoni tal-esponenti u uliedhom. L-attrici ilha li abbdandunat id-dar matrimnjali minn Settembru 2018, kien biss l-esponenti illi ilu minn dan iz-zmien irabbi lil uliedu wahdu.*

3. *Fir-rigward tat-tieni u tielet talba attriċi, li jirrelataw mal-kura u kustodja u residenza tal-minuri HT u KT, dawn għandhom jiġu miċħuda stante li mhux fl-interess tal-minuri illi dawn ikunu fdati f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv u dan wara li l-esponenti biss kien ta' faraġ u ħa ħsieb it-trobbija ta' uliedu meta l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali u ħalliet lill-familja tagħha warajha.*

4. *Fir-rigward tar-raba' talba, din ukoll għandha tiġi miċħuda għaliex l-ebda manteniment għall-minuri ma jkun dovut gjaladarba l-minuri jkunu jirrisjedu mal-esponenti. Jekk xejn, tkun l-attriċi li għandha tħallas manteniment għall-minuri lill-esponenti.*

5. *Fir-rigward tal-ħames talba, l-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet għandha tiġi likwidata u xolta; dan però fit-termini tat-talbiet rikovenzjonali appożiti li sejrin jitressqu mill-esponenti.*

6. *Fir-rigward tas-sitt talba, din għandha ukoll tiġi miċħuda stante li ma jikkonkorrux l-estremi legali għall-applikazzjoni tal-effetti tal-artikolu 48 sat-52 tal-Kodiċi Civili.*

7. *Fir-rigward tas-seba' talba, id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha iseħħ skont it-termini tat-talbiet rikonvenżjonali appożiti li sejrin jitressqu mill-esponenti.*

8. *Fir-rigward tat-tmien talba, din għandha tiġi miċħuda ġjaladarba li l-komunjoni m'għandhiex assi li jirrikjedu ta' nomina ta' Nutar Pubbliku*

9. *Fir-rigward tad-disa' talba, din għandha tiġi miċħuda in kwantu dak hemm mitlub sejjer iseħħ bil-pronunzjament finali ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

10. *Salv eċċezzjonijiet oħra talvolta meħtieġa u permessi mill-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jinsab minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat il-kontro-talba ta' NT datat 7 ta' Lulju 2020 a fol 21 et seqq, li taqra hekk:

1. *Il-partijiet izzewgu nhar il-31 ta' Awwissu 1996, u dan kif inhu ikkonfermat mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti; hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

2. *Minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom erba' t'itfal, AT li twieldet W, JT li twieldet X, HT twieldet Y u KT li twieled nhar Z. Ghalhekk filwaqt li AT u JT huma maggorenni, HT u KT ghandhom minuri.*

3. *L-attrici rikonvenzjonata rrendiet ruha responsabbli fil-konfront tal-esponenti ta' interalia adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offiza gravi, inoltre l-hajja flimkien tal-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli peress illi z-zwieg tkisser irremedjabilment ghar- raguniiet imputtabbli lill-attrici rikonvenzjonata. L-attrici rikonvenzjonata attwalment abbandunat lill-esponenti u lill-uliedhom f'Settembru 2018 b'dan li kien l-esponenti biss li kompla rabba lill-uliedhom.*

4. *Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehiem dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehiem baqa' ma sehhx unikament sforz ir-recitenza assoluta tal-attrici rikonvenzjonata.*

5. *Il-konvenut rikonvenzjonanti gie debitament awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna permezz ta' digriet ta'dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' Jannar 2020.*

6. *L-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Jghid ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata ghaliex previa kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi kollha din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara illi ST hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-ragunijiet indikati fir-rikors odjern jew liema minnhom, u li a bazi taghhom qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.*

2. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u/jew ragunijiet ohra li jistghu tavolata jirrizulta fil-kors tal-kawza;*

3. *Tistabilixxi d-data meta ST ghandha tigi kkonsidrata li kkagunat l-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in parte kontriha d-disposti tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, tenut kont kemm tal-attiv kif ukoll tal-passiv konsistenti l-istess;*

5. *Tillikwida ukoll kull kreditu tal-istanti versu l-komunjoni tal-akkwisti u l-attrici rikonvenzjonata sabiex sussegwentement tiddevidi l-bilanc formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jaffettwa kull likwidazzjoni mehtiega u jipproponi pjan ta' divizjoni;*

6. *Tassenja l-istess porzjonijiet wahda lil kull parti;*

7. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici rikonvenzjonata ghandha fl-obbligu li thallas sehemha u cioe nofs mill-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, tordnalha konsegwentament tirrifondi lill-istanti kull hlas imwettaq minnu akkont tas-sehem attrici rikonvenzjonata mill-passiv gravanti l-*

*komunjoni tal-akkwisti.*

8. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe kumpens u/jew flejjes illi jistghu jkunu talvolta pagabbli lill-esponenti in konnessjoni mal-ezercizzju f'kull zmien ta' professjoni tieghu, jigu percepita unikament minnhu.*

9. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri HT u KT .*

10. *Tordna illi l-minuri jibqghu jirrisjedu permanentement flimkien mal-esponenti.*

11. *Tiffissa retta alimentaru dovuta lill-esponenti mill-intimat versu l-htigijiet tal-minuri, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-attrici rikonvenzjonata versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri u tordna lill-istess attrici rikonvenzjonata thallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inklus b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja.*

12. *Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhriliex illi ghandha tilqa' it-talba percedenti, in kwantu din tikkoncerna l-inkluzjoni tal-htigijiet edukattivi u medici u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri fis-somma illi din l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab tistabbilixxi skont it-talba precedenti, tordna lill-attrici rikonvenzjonata tikkontribwixxi separatament versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u tordna lill-istess attrici rikonvenzjonata thallas tali kontribuzzjonijiet skont dawk il-modalitajiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.*

13. *Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-*

*htigijiet tal-minuri tibqa tigi percepita mill-esponenti ad eskluzjoni tal-intimat.*

14. *Tordna li d-decizjonijiet relatati mas-sahha, edukazzjoni, passaport u safar jittiehdu esklussivament mir-rikorrenti.*

15. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv u minghajr ebda forma ta' kunsens jew awtorizazzjoni jew firma da parti tal-intimat tiffirma u tapplika ghall-hrug ta' passaport ghall-minuri;*

16. *Tordna li s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonatata minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' ST datat 3 ta' Awwissu 2020 a fol 32 et seqq, li jaqra hekk:

**A. *Dikjarazzjoni tal-Fatti:***

*1.Illi l-fatti dikjarati permezz tal-ewwel u t-tieni paragarfu tar-rikonvenzjoni tal-konvenut ma humiex kontestati;*

*2. Illi l-fatti permezz tat-tielet paragrafu tar-rikonvenzjoni tal-konvenut huma kkontestati bil-qawwa kollha, stante li huwa unikament il-konvent rikonvenzjonant li rrenda ruhu responsabbli t'adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-esponenti. Illi di piu ma huwa minnu xejn li l-esponenti abbandunat id-dar matrimonjali u dan ghaliex il-konvenut rikonvenzjonat ma hallielha l-ebda ghazla ghajr li titlaq mid-dar matrimonjali u dan minhabba l-vjolenza domestika severa li l-esponenti giet soggetta ghalih. Inoltre, il-konvenut rikonvenzjonat ghamel minn kollox biex it-tfal tal-partijiet jeradikaw lill-esponenti minn hajjithom u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawza.*

*3. Illi l-fatti dikjarati permezz tar-raba' paragrafu tar-rikovenzjoni tal-*

*konvenut ukoll huma kkontestati stante li l-esponenti ma tista' qatt tippermetti illi tasal ghall-ftehiem ta' separazzjoni bonarja u konsegwentement taccetta illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun fuq il-konvenut rikonvenzjonant meta l-esponenti taf illi dan ma huwiex qieghed ihares u jissalvagwardja l-iprem interessi tal-minuri u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawza.*

*4. Illi l-fatti hawn dikjarati huma maghrufa mill-esponenti personalment.*

**B. *Stqarrija tal-Eccezzjonijiet:***

1. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti ma hijiex responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors ta' dina l-kawza;*

2. *Illi fir-rigward ghat-tieni talba, l-esponenti, kif mitlub ukoll fir-rikors guramentat taghha, taqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti izda dan ghar-ragunijiet kif elenkati fir-rikors guramentat taghha;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-esponenti tichad kategoralment illi hija kkagunat l-firda bejn il-kontendenti u ghalhekk din ghandha wkoll tigi michuda stante li ma jikkonkorrux l-estremi legali fil-konfront taghha ghall-applikazzjoni tal-effetti tal- Artikolu 48 et seq;*

4. *Illi fir-rigward tar-raba', il-hames u s-sitt talba, l-esponenti taqbel illi ghandha tigi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dan pero' ai termini tat-talbiet attrici li tressqu permezz tar-rikors guramentat taghha;*

5. *Illi fir-rigward tas-seba' talba, l-esponenti tikkontendi illi sakemm il-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf u cioe' mhux de facto separati, ma kien hemm l- ebda dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant ma ghandhiex tigi ordnata tirrifondi kwalsiasi hlas mis-sehem taghha. Illi jekk*

*kemm il-darba jezisti dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, dan gie kkontrattat mill-konvenut rikonvenzjonant innifsu wara li l-partijiet kienu diga de facto separati, cioe' f' Settembru, 2018, u ghaldaqstant kwalsiasi dejn ulterjuri li jista' jirrizulta wara dina d-data ghandu jkun gravanti fuq dik il-parti li tkun ikkontrattatu, stante li l-partijiet kienu diga' separati de facto;*

6. *Illi fir-rigward tat-tminn talba, l-esponenti tikkontendi illi din ukoll ghandha tigi michuda stante li kwalunkwe kumpens/ u jew flejjes illi setghu gew minnu percepitain konnessjoni mal-ezercizzju f'kull zmien tax-xoghol tieghu ghandhom ikunu formanti l-komunijoni tal-akkwisti;*

7. *Illi fir-rigward tad-disa' talba li tirrelata mal-kura u kustodja esklussiva tal-minuri HT u KT , l-esponenti tichad bil-qawwa kollha li l-minuri ghandhom jigu fdati fil-kura u kustodja esklussiva tar-rikonvenzjonant stante li r-rikonvenzjonant qed ihalli impatt negativ u irreparabbli fit-trobbija tal-imsemmija minuri u dan kif ser jigi ampjament ipprovat fil-kors tal-kawza;*

8. *Illi fir-rigward tal-ghaxar talba, ir-rikonvenzjonata tichad bil-qawwa kollha li r-rikonvenzjonant ghandu jigi awtorizzat jghix permanentement mal-minuri stante l-impatt psikologiku negattiv u irreparabbli li l-minuri gew soggettati ghalihom bl-agir irresponsabbli tar-rikonvenzjonant u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;*

9. *Illi fir-rigward tal-hdax u t-tnax -il talba, dawn ghandhom ukoll jigu michuda ghaliex l-ebda manteniment ma ghandu jkun percepibbli mir-rikonvenzjonata galadarba l-esponenti tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri. Illi ghaldaqstant, ir-retta alimentari kif stabbilita minn dina l-Onorabbli Qori ghat-trobbija tal-minuri ghandha tigi ffissata fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant;*

10. *Illi fir-rigward tat-tlettax -il talba, din ghandha tigi michuda stante li jekk tigi akkolta t-talba tal-esponenti li tkun fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-*

*ulied, kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri ghandhom jigu preceputi unikament mill-esponenti;*

11. *Illi fir-rigward tal-erbatax u l-hmistax -il talba, dawn ghandhom ukoll jigu michuda stante li hija unikament l-esponenti li ghandha l-iprem interess tal-ulied u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors ta' dina l-kawza;*

12. *Illi fir-rigward tas-sittax -il talba, l-esponenti taqbel illi s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti ghandha tigi registrata fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;*

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2020;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukat difensuri;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-firda personali tal-partijiet. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba l-vjolenza u l-eccezzi li soffriet minghand il-konvenut filwaqt li l-konvenut jghid li z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju u l-abbandun tal-attrici.

Din il-Qorti rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru ordnat lill-partijiet sabiex jattendu kors tal-*coparenting* offrut mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi tal-Harsien Socjali; kif ukoll ordnat illi jkun hemm access bi *sleepover* alternati ghat-tifel iz-zghir tal-partijiet mal-attrici.

Din il-Qorti rat ir-rikors tal-intimat NT datat 29 ta' Marzu 2022 (fol. 206) li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tordna l-hlas mill-attrici ta' retta alimentari ghal bzonnijiet ta' binhom KT . Din il-Qorti rat in-nota tal-intimat li maghha gie anness rendikont finanzjarju ghas-sena 2020 fejn iddikjara profit ta' ghaxart elef, tmien mija u erbghin euro (Eur10,840). Ipprezenta rendikont ghas-sena 2021 fejn iddikjara profit ta' tlettax-il elf euro (Eur13,000). Rat ir-risposta tal-attrici datata 22 ta' Novembru 2022 li fiha esprimiet li ma temminx id-dikjarazzjonijiet tal-intimat stante li dan jahdem ghal rasu u sahansitra ghandu l-impjegati mieghu. Min-naha taghha l-attrici annettiet l-FS3 taghha ghas-sena 2019 li turi dhul qabel it-taxxa ta' sitt elef, mija u erbgha u ghoxrin euro (Eur6,124), l-FS3 taghha ghas-sena 2020 li turi dhul qabel it-taxxa ta' disat elef u sitta u tmenin euro (Eur 9,086), l-FS3 taghha ghas-sena 2021 li turi dhul qabel it-taxxa ta' hdax-il elf, sitt mija sebgha u tletin euro (Eur11,637). Sussegwentement wara li rat id-dokumenti ezebiti, permezz tad-digriet moghti nhar is-17 ta' Jannar 2023, din il-Qorti ordnat li l-attrici thallas retta alimentari ta' mitejn euro (Eur200) fix-xahar liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjez edukattivi, medici and attivitajiet extra-kurrikulari.

***<u>Il-Verzjoni tal-partijiet u l-provi mressqa minnhom:</u>***

**L-attrici ST** xehdet permezz tal-affidavit illi kellha missierha ta' hafna dixxiplina u ghalhekk kienet tgharset ta' eta' zghira sabiex ikollha ragel jaqbez ghaliha. Madanakollu, minn dejjem kellhom problemi fir-relazzjoni taghhom minhabba li l-intimat dejjem kien jittanta nisa' ohra inkluz il-mara ta' hu l-attrici. Kienet anke sabitlu messagg minghand mara ohra tghidlu biex itemmu r-relazzjoni taghhom. L-attrici kienet tiggieled mieghu izda mbaghad taghlaq ghajnejha. Tghid illi l-intimat kellu fissazzjoni fuq is-sess u kien jisfurza tmur mieghu anke jekk ma kienetx tkun trid. Kien hemm drabi meta rrifjutat minhabba t-tfal fid-dar u kien igeghelha tinzel gharkuptejha. Tghid illi l-intimat kien hadha ghand koppja hbieb tieghu u kien hemm li taha xi sustanzi. Wara kien sfurzaha ikollha relazzjonijiet sesswali kemm ma' siehbu kif ukoll ma martu u din kellha taghmel kif qalilha anke jekk kienet qed thossha umiljata.

Minkejja li kienet talbitu biex ma jergax jghaddiha minn dik l-esperjenza, tghid illi kienu regghu marru ghal *swinging* xi hames (5) darbiet. Tghid illi fl-2012 l-intimat kien organizza l-istess attivita gewwa d-dar taghhom. L-attrici kienet qamet u sabitu rieqed ma' mara ohra f'sodda ohra u ghalhekk kienet qaltlu li riedet tissepara. Hu kien ipakkja u mar flimkien mat-tlett itfal il-kbar ghand ommu izda lit-tfal kien qalilhom li ommhom kellha wicc iehor.

Kienu regghu irrikonciljaw fuq il-weghda li ma jergax jiehu sehem f'attivitajiet sesswali bhal qabel u wara xahar harget tqila bit-tifel z-zghir. Ghall-intimat il-fatt li kellhom tifel kien lehaq il-mira tieghu. Wara ftit tas-snin kienet ghal darba ohra sabitlu messaggi minghand nisa' ohra li juru li kien f'relazzjoni maghhom.

Meta infurmatu li riedet tissepara, l-intimat wegibha li lit-tfal kien ser igeghlhom jobghodu lill-ommhom. Baqghet tirrisjedi fl-istess dar izda imbaghad kellha incident mat-tifla l-kbira sforz kemm kien ghawwiha missierha kontra ommha. Dakinhar l-attrici kienet ippakjat u telqet ghand ommha. Wara li telqet it-tfal ma setghux ikelmuha u kienu jkelmuha bil-mohbi. Tghid illi t-tifla tal-partijiet ta' hmistax (15)-il sena giegheha taghmel hafna tpingija u tibghatilha messaggi kattivi. Meta t-tifel iz-zghir imur ghall-access juriha li mhux kuntent ma' missieru u jitkarrab lill-attrici biex jibqa' maghha, sahanasitra ghaliex qieghed jorqod bejn l-intimat u s-siehba tieghu.

L-attrici xehdet (fol. 151 et seqq) fejn qalet li huwa minnu li kienu ghadhom mizzewgin meta bint il-partijiet ghamlet it-tpingija izda hi ma kienetx taf li kienet ser taghmilhom. Kien l-intimat li ffirmalha. Wara li sseparaw, it-tifla ghamlet hafna aktar tattoos minghajr ma qaltilha. Kien it-tifel tal-partijiet li nforma lill-attrici dwar dan. Tghid illi hi ghandha kuntatt ma' uliedha minkejja li l-intimat kien prova jkisser ir-relazzjoni taghha maghhom. Tghid illi l-intimat ihalli lit-tifel rieqed imbaghad tkun is-siehba tieghu li tmur tqajjem lit-tifel filghodu.

In kontro-ezami hija xehdet li telqet mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2019 u marret tghix ghand ommha. Bdiet tghix mas-sieheb taghha f'Novembru 2021. Tghid illi qieghda tahdem fuq bazi *full-time* u taqla' paga ta' seba' mija fix-xahar (Eur700).

L-attrici regghet xehdet (fol. 222C) u qalet illi wahda mit-tfal tal-partijiet ghaddiet minn perjodu ikrah wara s-separazzjoni tant li ghamlet aktar minn attentat wiehed ta' suwicidju. Fl-ahhar attentat, hija kienet belghet numru ta' pilloli u kien l-intimat li saba' mitlufha minn sensiha fuq is-sodda. Xehdet illi hekk kif harget mill-isptar, l-intimat keccieha mir-residenza taghhom. Dakinhar stess indunat li ma kellhiex fejn tmur u ghalhekk kienet regghet marret lura ghand missierha. Ghamlet xi hmistax tigri minn dar ghall-ohra, ghand is-sieheb taghha, ghand is-sieheb ta' missierha u ghand ohtha.

Xehdet in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2024[1] fejn tat aggornament fuq ulied il-partijiet. Tghid illi telqet mid-dar ghaliex kien inqala' dizgwid mat-tifla l-kbira tal-partijiet liema tifla anke kienet spiccat refghet idejha fuqha. L-attrici xehdet illi kienet hafritilha fuq hekk izda kienet hasset li sabiex jikkalmaw l-affarijiet kien ikun ahjar li titlaq mid-dar. Kienet ppruvat tmur lura u kien jinqala' hafna tghajjir anke minghand l-intimat. Sabiex ma jeskalawx l-affarijiet, kienet iddecidiet li ma tmurx lura d-dar. Ikkonfermat illi iben il-partijiet, KT, sejjer tajjeb fl-edukazzjoni tieghu u hlief ghal problema fl-istonku li qed jiehdu hsiebha flimkien, jinsab fi stat ta' sahha tajjeb. L-inkwiet taghha kien meta l-intimat kien idahhal nisa' differenti d-dar jew meta lill-minuri hallih wahdu. L-attrici kkonferma li llum ghandha s-sieheb taghha izda nnegat li r-relazzjoni taghha mieghu bdiet qabel ma hi telqet mid-dar. Tikkonferma illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda proprjeta' in komuni bejniethom, la mobbli u lanqas immobbli u ghalhekk il-pern tal-proceduri odjerni huwa fuq l-aspetti relattivi ghall-minuri KT. L-attrici thoss illi l-minuri ghandu bzonn lill-ommu. Tghid illi lesta titlaq mix-xoghol biex tkun tista' trabbi lill-minuri.

In kontro-ezami li ssokta fis-seduta ta' nhar l-24 t'Ottubru 2024[2], l-attrici tghid illi kienu attendew ghal *swinging* xi tmien darbiet bejn wiehed u iehor. Meta mistoqsija kif kienet tigi sfurzata, tispjega illi hi kienet toggezzjona mal-intimat izda hu kien jghidilha li ma taghmlux kuntent u ghaldaqstant kien ser jibqa' jmur ma' nisa' ohra. Kien anke jghajjarha li mhix bhan-nisa ta' shabu. Tghid illi kienet tigi mgeghlha thossha umiljata izda qatt ma kien hemm swat fil-mument. Mistoqsija fuq ritratti li hadet waqt dawn l-attivitajiet, tghid illi kienet tkun taht l-effett tal-kokaina li kien jintroduciha l-habib tal-

[1] Vide fol. 272A
[2] Vide fol. 282

intimat. Damu jattendu dawn l-attivitajiet sakemm kellhom lill-minuri z-zghir. Tghid illi taf li kien hemm ritratti intimi taghhom bejniethom biss izda tghid li ma tafx b'ritratti li ttiehdu waqt l-attivitajiet fl-*swinging parties*. Tghid illi kienet thossha deboli ghal zewgha u kienet tmur biex tikkuntentah u biex issalva z-zwieg ta' bejniethom. B'theddid tifhem il-kliem li kien jghidilha li jekk ma tmurx u taghmlu kuntent kien ser jibqa' jitradijha: " Jekk ma tridx li nibqa naqlibilek", qalli "ghamilni happy", u cioe ippartecipa fi *swinging parties*[3]
L-attrici tghid illi kienet qabditu fis-sodda ma' terza persuna, kif ukoll kienet taf li kellu relazzjonijiet sesswali ma' prostituta. Madanakollu sabiex issalva z-zwieg kienet tahfirlu u komplew u anke kellhom il-wild iz-zghir taghhom.

Tghid illi lis-sieheb taghha, li sa dakinhar kienu ilhom hames snin flimkien, kienet ilha tafu minn meta kellha hdax-il sena pero ma kellhiex kuntatt mieghu sakemm l-intimat akkompanja lill-mara tal-partner taghha (illum) wara l-bieb tad-dar matrimonjali biex taghtiha xebgha. Hemmhekk kienet fitxet lis-sieheb taghha u bdew jitkelmu. Meta bdew ir-relazzjoni taghhom, kienet ghadha tghix id-dar minhabba t-tfal izda kienu diga qabdu t-triq tas-separazzjoni.

***Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:***

**Lorraine Attard,** in rapprezentanza tal-HSBC Cank Malta p.l.c. li pprezentat *records* tal-kontijiet f'isem il-partijiet mal-Bank rapprezentat[4].

**Karl Borg** in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet xehed fis-seduta (a fol. 157Q) u ipprezenta rendikont tal-hlasijiet li saru tal-kirja fuq il-fond 48, Triq ic-Cesalpina, Ta' Paris Birkirkara. Il-kirja bdiet bi ftehim li sar fit-8 ta' Jannar tas-sena 1976 u mis-sena 1997 inqalbet fuq FA. Il-hlasijiet kollha baqghu jidhru fuq dan l-individwu. In kontroezami x-xhud ikkonferma illi jaghmel min jaghmel il-hlasijiet tal-kirja, l-ircevuta xorta tohrog fuq l-inkwilin li huwa registrat mal-Awtorita'.

[3] Vide fol. 284
[4] Vide fol. 92 et seq.

**Dr Christopher Spiteri,** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta, xehed (a fol. 157T) u pprezenta *records* li juru li fil-prezent l-attrici ghandha zewg vetturi registrati fuqha, wahda tal-ghamla Volkswagen Golf u l-ohra tal-ghamla Fiat Punto; filwaqt li l-intimat ghandu vettura wahda registrata fuqu tal-ghamla Volkswagen Golf.

**FA**, missier l-attrici, xehed illi hu kien ra diversi episodji ta' abbuz mentali prattikat fuq l-attrici bhal per ezempju hija tkun qed tahsel l-art, u l-intimat jidhol b'zarbun mahmug tax-xoghol u jibqa' ghaddej. Jghid illi darba minnhom ulied il-partijiet illettikaw bejniethom u l-intimat stess kien qal lil wahda minnhom sabiex tmur b'sikkina ghall-ohra. Ix-xhud qatt ma kkonfronta lill-intimat ghaliex jibza' minnu peress li l-intimat hu bniedem li jippreferi l-konfronti. Ix-xhud qal li kellu relazzjoni tajba mat-tfal tal-partijiet sakemm il-partijiet kienu ghadhom flimkien. Wara li sseparaw, gie akkuzat illi kellu x'jaqsam mat-tifla l-kbira tal-partijiet u ghalhekk ma baqghux jitkelmu.

**Andreana Gellel,** in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, xehdet li d-Direttorat zamm interventi mal-partijiet bejn Settembru u Ottubru 2021. It-tfal tal-partijiet huma nfurmati sew bil-problemi ta' bejn il-partijiet u ghalhekk inhass illi kien hemm qlib fl-irwoli ta' min ghand jappogjja lil min. It-tifel tal-partijiet igorr sens ta' htija ghaliex jinqalghu argumenti fil-hin tal-access tieghu. Il-missier jiehu hsieb lit-tifel izda jrid imur ghax-xoghol u ghalhekk kien hemm istanza meta t-tifel thalla wahdu sakemm waslet is-siehba tal-missier. It-tifel beda jfittex l-attenzjoni u s-sapport minghand il-professjonisti jew it-tfal l-ohra. It-tifel konsistentement esprima max-xhud li xtaq jara liz-zewg genituri jghixu flimkien. It-tfal il-kbar kien ikollhom xi jghidu mal-genituri tant li kien hemm zmien li wahda mill-ulied telqet mid-dar matrimonjali.

**Doris Vella Cassia,** in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei xehdet u ezebiet kopja tal-file mediku ta' bint il-partijiet HT (a fol. 222A).

Giet ezebita kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Mejju 2023 li permezz taghha l-intimat gie ordnat jizgombra mil-fond gewwa ta' Paris, Birkirkara wara li gie deciz li kien qieghed jirrisjedi fih minghjar titlu validu fil-ligi. Waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2024, giet ezebita kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-

Appell li nghatat nhar is-17 t'Ottubru 2024 li permezz taghha l-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-intimat u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti minhabba li l-inkwilin ossia missier l-attrici ma kellux jedd jghaddi d-dritt ta' pussess tal-fond in kwistjoni lill-intimat u ghalhekk ma kienx hemm bazi legali fejn l-intimat setgha iqis li ghandu titlu li jirrisjedi fih.

**L-intimat NT** xehed quddiem din il-Qorti (a fol. 153) u qal illi t-tfal kollha jghixu mieghu ghalkemm huma liberi li jorqdu band'ohra meta jridu. Jghid illi l-ispejjez relatati mat-trobbija waqghu kollha fuqu, kemm dawk tat-tfal tal-partijiet u issa taz-zewg neputijiet li joqghodu mieghu ukoll. Missier l-attrici kien lest li jaqleb il-kirja tad-dar matrimonjali fuq l-attrici izda mhux fuqu u kienu anke applikaw ghalhekk izda tal-Bord tal-Awtorita' tad-Djar ma kienx accetta. L-intimat jghid illi binthom HT kienet tohrog ma' persuna Gharbija li kien genninha biex taghmel tpingija. Kienet l-attrici li tatha l-kunsens ghaliex hu la ried in-namrat u lanqas it-tpingija. Minn tpingija wahda bdiet izzid, u l-attrici kienet tidhkilha u tghidliha li tixtieq li ghamlithom hi.

Fit-tieni xhieda tieghu, l-intimat xehed illi mat-tifla HT kien jargumenta ghaliex riedet tonfoq ammont ta' flus fuq xagharha meta hu kien jghidilha biex tfaddalhom. Jghid li ma ridx jaraha ma' wiehed li kienet qed tiffrekwenta li kien sawwatha, kisrilha l-mobile u kien qed imur wara l-bieb tad-dar meta hu kien ikun xoghol. Kien wara dawn l-argumenti li kienet belghet xi pilloli li kienet sabet fid-dar. Hu kien cempel l-ambulanza u lill-ommha izda l-attrici ma tatx kasha. Kien baghatha ghand ommha biex itiha tbezbiza ghax kienet qed tohloqlu hafna nkwiet. Bdiet tahdem u l-attrici ma baqghetx thallas manteniment ghaliha. Riedet il-flus biex tmur ghax-xoghol u talbet lill-intimat izda ma kellux flus xi jtiha u qalilha biex tistaqsi lill-ommha. Meta staqsiet lill-ommha qaltilha li ma kellhiex u kellha ssaqsi lill-missierha. Qaltilha li kienet ser itihomlha f'nofs ix-xahar.

L-intimat rega' xehed quddiem din il-Qorti u stqarr illi t-tifla l-kbira issa bdiet tghix ghal rasha mas-sieheb taghha; it-tfal l-ohra ghadhom jghixu mieghu flimkien man-neputijiet. Lit-tielet tifla ghadu jiehu hsiebha partikolarment minhabba l-problemi psikologici li ghaddiet minnhom, tmur ghand il-psikjatra u jara li tiehu l-medicini preskritti. Lit-tifel iz-zghir tal-partijiet baqa' jrabbih hu wara li l-attrici telqet mid-dar u jara li jkompli bl-edukazzjoni tieghu.

Jghid illi kellhom argument bejniethom hdejn il-bahar u l-ghada l-attrici nfurmatu li trid tmexxi bis-separazzjoni. Kienet telqet ghal sena minghajr ma tat kas xejn, ghamlu erba' xhur ifittxuha ghaliex it-tfal riedu lill-ommhom. Kien mar ghand ommha u sabha hemm mas-sieheb taghha Johnny. Wara li telqet l-attrici mid-dar matrimonjali, hu kellu jdawwar ir-rutina tax-xoghol tieghu mal-esigenzi tat-tifel. Iwassal lit-tifel kmieni filghodu l-iskola u jieqaf kmieni mix-xoghol biex imur jigbru. It-tifel baqa' ghaddej bl-iskola. Ghalkemm l-intimat ma jafx jikteb u jaqra, kienu jiehdu lezzjonijiet tal- privat. Kellu wkoll siehba li kienet toqghod mieghu u tghinu sabiex it-tifel gab marki tajbin fl-ezamijiet. L-attrici ghandha access ta' darbtejn fil-gimgha u *sleepover* ta' lejl wiehed fi tmiem il-gimgha. Dak iz-zmien, l-attrici kienet qed thallas manteniment ta' mitejn euro (Eur200) fix-xahar liema somma kienet tinkludi sehemha mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni. L-intimat qal ukoll illi t-tifel jilghab il-futbol l-iskola izda kien ser jibda jistharreg wara l-hin tal-iskola wkoll.

Fuq id-dar matrimonjali, l-intimat qal illi din kienet b'kera mill-Awtorita' tad-Dar lejn il-genituri tal-attrici. Meta l-kontendenti isseparaw l-intimat baqa' jghix god-dar matrimonjali. Missier l-attrici wara xi zmien, iddecieda li jmur joqghod l-Ingilterra. Sabiex ma tintilifx il-kirja, kien issugerixxa lill-partijiet biex imorru jirrisjedu huma fid-dar. Meta dahlu fiha, l-intimat nefaq hafna flus biex ameljoraha.

L-intimat jghid illi hu u l-attrici m'ghandhomx proprjeta' ohra komuni, la immobbli u lanqas mobbli. Li jrid hu li jkompli jghix m'uliedu fil-kwiet. Jghid illi t-tfal iridu jibqghu jirrisjedu mieghu. Offrilhom li jmorru jghixu mal-attrici minhabba li gie zgumbrat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili izda ma jridux. Qieghed jipprova jakkwista kirja tal-Gvern ghaliex hu ma jlehhaqx jidhol f'kirja privata minhabba li d-dhul tieghu jmur kollu sabiex jghajjex lill-uliedu u n-neputijiet anke jekk dawn huma maggorenni.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward ta' **sevizzi** imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li fejn si tratta ta tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-principju ewlieni ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [5] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

---

[5] Enfazi tal-Qorti.

*"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[6] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[7]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[8] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-***

[6] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[7] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[9]

Fi kliem il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[10]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-*Qorti *ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[11]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan

---

[9] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[10] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[11] Enfazi tal-Qorti.

peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[12] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

---

[12] Enfazi tal-Qorti.

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.*

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-**Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talbiet sabiex tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet, kif ukoll tirregola l-aspetti relatati mal-wild iz-zghir tal-partijiet li ghadu minuri.

***Dwar il-htija ghat-tifrik taz-zwieg***

Din il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar x'wassal ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet. L-attrici tghid illi kienet il-vizzju tal-intimat li jfittex is-sess bla razan li kisser iz-zwieg. Tghid illi l-intimat kien jisfurzaha anke jkollha x'taqsam sesswalment ma' individwi ohra meta kienu jattendu *swinging parties.* Dawn l-attivitajiet sehhu xi madwar tmien darbiet. Inoltre l-attrici tghid illi telqet minhabba vjolenza domestika izda jirrizulta imbaghad mill-kontroezami illi din kienet meta t-tifla

l-kbira tal-partijiet kienet iggieldet maghha u aggreditha. Tallega illi l-missier ghawwa lit-tfal kontriha izda din l-allegazzjoni ma rrizultat mill-ebda prova. Inoltre, l-attrici ssemmi illi kienet qabdet lill-intimat ma' mara ohra certu JC[13]. Din il-Qorti rat il-messaggi ezebiti mal-affidavit tal-attrici li fihom iz-zewg partijiet jitkelmu appertament dwar ir-relazzjonijiet taghhom ma' terzi ndividwi minkejja li l-messaggi kienu qed jigu skambjati bejn il-partijiet tramite bint il-partijiet li kienet qed isservi ta' *portavoce* ghal missierha. Din il-Qorti tiddeplora dan l-agir mistmerr tal-partijiet li poggew lill-binthom f'din il-pozizzjoni specjalment meta kienu qed jitghajru bil-frekwenza tar-relazzjonijiet sesswali li kellhom ma' terzi persuni u jfissru dana kollhu bl-aktar mod vulgari.

Min-naha l-ohra l-intimat jallega li l-attrici abbandunat lill-familtha sabiex tidhol f'relazzjoni mas-sieheb taghha li ghadha mieghu sal-ilum. Din ir-relazzjoni gie kkonfermatha mill-attrici stess, kemm fl-istess messaggi li saret referenza ghalihom, kif ukoll fil-kontroezami li sar lilha. L-attrici tghid illi hi u l-partner taghha kienu bdew jitkelmu qabel ma telqet mid-dar izda meta l-partijiet kienu diga' bdew it-triq tas-separazzjoni. Inoltre l-intimat bl-ebda mod ma jichad la l-attivitajiet li semmiet l-attrici fir-rigward tas-*swinging parties*, lanqas li kellu relazzjonijiet ma' nisa' ohra u li filfatt qed jghix mas-siehba tieghu apertament.

Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li z-zewg partijiet entrambi kkontribwixxew ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, tal-familja taghhom, kif ukoll ghal hsara psikologika li saret lill-uliedhom b'mod specjali ghal dak li ghaddiet minnu HT. Jirrizulta b'mod lampanti illi l-intimat kellu diversi relazzjonijiet adulteri ma terzi persuni waqt iz-zwieg u li hajjar lill-martu tippartecipa fi *swinging parties* fejn iz-zewg kontendenti ppartecipaw f'relazzjonijiet intimi ma' terzi u ghaldaqstant mhux biss ma baqghux fidili lejn xulxin izda addirittura zebilhu bl-aktar mod komplet il-kuncett ta' fedelta' fiz-zwieg.

***Dwar il-komunjoni tal-akkwisti***

[13] Vide Fol 288

Kemm mill-gbir tal-provi, kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet li saru miz-zewg partijiet meta kienu qed jixhdu, jirrizulta li m'hemmx propjeta' komuni bejn il-partijiet (la mobbli wisq anqas immobbli) li trid tigi diviza in segwitu ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Gie ampjament stabbilit illi l-fond matrimonjali ossia 48 Ashapple, Triq ic-Cesalpina, Ta' Paris Birkirkara, huwa fond soggett ghall-kirja mal-Awtorita' tad-Djar **liema kirja hija registrata fuq missier l-attrici**. Matul il-pendenza tal-proceduri odjerni, saru proceduri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex l-intimat u ulied il-partijiet jigu zgumbrati minn dan il-fond, kif hekk gew ordnati li jaghmlu kemm mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u sussegwentement mill-Qorti tal-Appell. L-attrici xehdet illi l-intenzjoni taghha kienet illi tidhol tirrisjedi hi f'dan il-fond u trabbi lill-minuri KT hi tant li xehdet li anke lesta tieqaf mix-xoghol taghha sabiex idur mal-bzonnijiet tal-minuri. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi dan il- fattur wahdu iwassal ghall-bdil fid-decizjoni tar-residenza primarja tat-tifel. Din il-Qorti mhux ser tafda t-trobbija tal-minuri KT f'idejn l-attrici ghaliex l-attrici ghandha residenza filwaqt li l-intimat gie zgumbrat u jinsab minghajr residenza. Hemm fatturi ohra illi din il-Qorti tqis kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel.

Inoltre z-zewg partijiet iddikjaraw illi m'ghandhomx propjeta' ohra x'jiddividu. Minkejja li ddikjaraw li lanqas vetturi m'ghandhom, mir-rekords li jinsabu in atti li gew ezebiti mir-rapprezentant ta' *Transport Malta*, jirrizulta illi hemm vetturi rregistrati fuq entrambi l-partijiet. Din il-Qorti tiddikjara illi kull parti ghandha zzomm il-vettura li tinsab irregistrata f'isimha.

Ma gewipprezentati l-ebda rendikonti ta' kontijiet bankarji li jridu jigu divizi u ghalhekk kull parti ghandha zzomm kwalsiasi kont bankarju li jinsab intestat f'isimha.

***Dwar l-aspetti relattivi ghall-ulied il-partijiet***

Din il-Qorti semghet waqt il-proceduri odjerni illi l-attrici telqet mid-dar matrimonjali wara li kellha xi tghid ma' bintha l-kbira. Kien hemm zmien li uliedha l-kbar ma kienux ikellmuha. Hi tattribwixxi dan ghall-agir u l-hawwi tal-intimat. Fit-tieni lok, l-attrici tghid illi l-wild il-kbira tal-partijiet refghet idejha fuqha u dan wassal sabiex telqet mid-dar. Gara x'gara, jirrizulta ampjament illi l-ulied kollha tal-partijiet baghtew psikologikament minhabba d-dinamika li kien hemm bejn il-partijiet li jitghajru

apartament bejniethom dwar ir-relazzjonijiet sesswali li kellhom bhalikieku kienu f'kompetizzjoni bejniethom.

Madanakollu, din il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar l-aspetti relattivi ghal wild KT fl-ahjar interess tieghu. Rat illi l-ulied l-ohra tal-partijiet huma maggorenni u ma komplewx bl-istudji taghhom. Jirrizulta li l-minuri KT baqa' jghix mal-intimat (u hutu u n-neputijiet) u kien l-intimat li baqa' jipprovdi ghalih u ghall-bzonnijiet tieghu. Hemm qbil fit-testimonjanzi tal-partijiet li l-minuri KT sejjer tajjeb fl-iskola u li qed jinghata kull ghajnuna kemm minn terzi, kif ukoll permezz ta' lezzjonijiet privati. Min-naha l-ohra l-attrici tezercita access ghal binha darbtejn fil-gimgha u *sleepover* fi tmiem il-gimgha b'mod alternat. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja dan l-arrangament bir-riskju li tharbat l-andament pozittiv fit-trobbija tal-minuri KT. Il-fatt li l-intimat gie zgumbrat mill-fond li kien iservi bhala d-dar matrimonjali ma jfissirx li issa l-minuri KT m'ghandux jibqa' fil-kura tal-missier. Ladarba l-minuri KT jinsab issetiljat u sejjer tajjeb, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja r-rutina tieghu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi biex taqta' u tiddeciedi r-rikors promotur tal-attrici, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut billi:**

1) **Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet imputtabbli lill-entrambi mill-partijiet. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta dik il-parti tal-ewwel talba tal-attrici dwar id-dar matrimonjali, liema vertenza giet deciza mill-Qorti kompetenti diversa;**
2) **Tafda l-kura u kustodja ta' KT b'mod kongunt f'idejn entrambi mill-partijiet filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fir-rigward tal-wild HT stante li llum hija maggorenni;**
3) **Tordna li l-minuri KT jibqa' jirrisjedi mal-intimat missier b'access favur l-attrici omm u cioe kull nhar ta Tnejn u Hamis minn wara l-iskola sas-7:30pm u sleepover b'mod alternat gimgha mill-Gimgha fil-5pm sas-Sibt 5pm u gimgha sossegwenti mis-Sibt 5pm sal-Hadd 5pm;**
4) **Tordna lill-attrici omm sabiex tkompli thallas ir-retta alimentari ta'**

**mitejn euro (Eur200) fix-xahar ghat-trobbija ta' KT liema somma ghandha tithallas fl-ewwel jum ta' kull xahar bil-quddiem. Din is-somma ghandha tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u tibqa' pagabbli sakemm KT jaghlaq tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba KT jibqa' jistudja fuq bazi full-time din is-somma tibqa' tithallas sakemm jittermina l-istudji tieghu jew sakemm jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena skont liema kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel. Kemm-il darba wara l-eta' ta' tmintax (18) il-minuri jibda jirrisjedi ghal rasu, din is-somma ghandha tibda tigi somministrata lilu direttament. Tali somma tinkludi fiha sehem l-attrici mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;**

5) **Tordna t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet;**
6) **Tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 -55 Tal-Kodici Civili kontra entrambi mill-partijiet, u konsegwentement tiddikjara illi l-partijiet tilfu fil-konfront ta' xulxin il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll, dak kollu illi kien inkiseb b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minghand il-parti l-ohra fiz-zwieg, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru minn Settembru 2018 'il quddiem;**
7) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' u t-tmien talba tal-attrici u tal-hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talba tal-kontro talba tal-konvenut in vista tad-dikjarazzjonijiet tal-partijiet li m'hemm l-ebda proprjeta' immobli x'tigi diviza u nuqqas ta' provi fuq hekk;**
8) **Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirregistraw s-sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;**
9) **Tiddikjara u tordna illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri tibqa tigi percepita mill-konvenut missier;**

**It-talbiet tal-intimat kwantu ghall-kontro talba tieghu qed jigu milqugha jew michuda kif fuq spjegat waqt li l-erbatax (14) u l-hmistax (15) -il talba qed jigu michuda.**

**Spejjez jigu sopportati mill-partijiet ugwalment.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**